Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

**MARIE LOUISE COLEIRO PRECA**
**President**

1 ta' Awwissu, 2014

## ATT Nru. XXIV tal-2014

*ATT biex jemenda l-Kodiċi Kriminali (Kap. 9.) u biex jipprovdi għal affarijiet oħra li huma anċillari jew konsegwenzjali għal dan.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

**1.** (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa Att tal-2014 li jemenda Diversi Liġijiet li jirrigwardaw materji kriminali (Emenda Nru. 2).

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att għandhom jidħlu fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għal Ġustizzja jista', b'avviż fil-Gazzetta, jistabbilixxi, u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal dispożizzjonijiet differenti u għal għanijiet differenti ta' dan l-Att.

## TAQSIMA I
## Emendi għall-Kodiċi Kriminali

Emendi tal-Kodiċi Kriminali. Kap. 9.

**2.** Din it-Taqsima temenda l-Kodiċi Kriminali, u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda mal-Kodiċi Kriminali, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "il-Kodiċi".

Emenda tal-artikolu 5 tal-Kodiċi.

**3.** Fis-subparagrafu (i) tal-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 5 tal-Kodiċi, minflok il-kliem "314B, 316" għandhom jidħlu l-kliem "314B, 314ĊA, 316".

Emenda tal-artikolu 17 tal-Kodiċi.

**4.** Fis-subparagrafu (b) tal-artikolu 17 tal-Kodiċi, il-kliem "b'dan li ż-żmien li jingħata ma jiskorrix ħamsa u tletin sena" għandhom jitħassru.

Emenda tal-artikolu 23Ċ tal-Kodiċi.

**5.** L-artikolu 23Ċ tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "(3A)(b) u (d)" għandhom jidħlu l-kliem "(3A)(b), (d) u (7)"; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu:

"reat rilevanti" tfisser kull reat li ma jkunx wieħed ta' natura involontarja li għalih tista' tingħata l-piena ta' priġunerija għal żmien iktar minn sena.

"proprjetà" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 23B(3).".

Emenda tal-artikolu 28G tal-Kodiċi.

**6.** L-artikolu 28G tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu, għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(1A) Meta jkun inħareġ ordni ta' superviżjoni skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1), il-qorti tista', b'żieda ma' dak l-ordni, toħroġ ordni ta' servizz fil-komunità kif imfisser fl-artikolu 11 tal-Att dwar il-*Probation* u d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-*Probation* għandhom, *mutatis mutandis*, japplikaw għal dak l-ordni."; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (9) tiegħu, għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(10) Kull referenza għal ordni ta' superviżjoni għandha titqies li tinkludi ordni għal servizz fil-komunità.".

Emenda tal-artikolu 31 tal-Kodiċi.

**7.** L-artikolu 31 tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subparagrafu (i) tas-subparagrafu (xiv), it-tnejn inklużi, tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tiegħu għandhom jiġi enumerati mill-ġdid bħala s-subparagrafi (ii) sa (xv) rispettivament u minnufih qabel is-subparagrafu (ii), kif enumerat mill-ġdid, għandu jiżdied is-subparagrafu ġdid li ġej:

"(i) minn għaxar snin sa erbgħin sena;";

(b) fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "l-inżul mill-erbatax-il grad" għandhom jidħlu l-

kliem "l-inżul mill-ħmistax-il grad"; u

(ċ) fil-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "jinbeda' mill-erbatax-il grad" għandhom jidħlu l-kliem "jinbeda' mill-ħmistax-il grad".

**8.** L-artikolu 49 tal-Kodiċi għandu jiġi sostitwit b'dan l-artikolu ġdid li ġej: Sostituzzjoni tal-artikolu 49 tal-Kodiċi.

"49. (1) Persuna titqies reċidiva jekk, wara li tkun ġiet ikkundannata għal reat b'sentenza, ukoll meta mogħtija minn qorti barranija li tkun għaddiet f'ġudikat, tagħmel reat ieħor.

(2) F'xi proċeduri taħt jew għall-finijiet ta' dan l-artikolu, dokument, debitament awtentikat, li jiċċertifika li persuna nstabet ħatja ta' reat kontra l-liġi ta' dak l-Istat jew parti minnu, fid-data speċifikata fid-dokument, għandu jkun ammissibbli bħala prova tal-fatt u tad-data tad-dikjarazzjoni ta' ħtija mingħajr ħtieġa ta' xi prova ulterjuri.

(3) Dokument għandu jitqies li hu debitament awtentikat jekk waħda minn dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin tapplika:

(a) jekk jidher li hu ffirmat minn imħallef, maġistrat jew uffiċjal tal-Istat fejn tkun ingħatat is-sentenza; jew

(b) jekk jidher li hu ċċertifikat mill-Ministeru, dipartiment jew awtorità oħra responsabbli għall-ġustizzja jew għall-affarijiet barranin tal-Istat fejn tkun ingħatat is-sentenza, sew jekk ikun b'siġill u sew jekk le; jew

(ċ) jekk jidher li hu awtentikat b'ġurament, stqarrija jew affermazzjoni ta' xhud.

(4) Kull dokument li jkun ser jintbagħat b'rabta mal-proċeduri taħt dan l-artikolu jista' jintbagħat b'kull mezz sigur li jkun kapaċi jipproduċi dokumentazzjoni bil-miktub u taħt kondizzjonijiet li jippermettu l-aċċertament tal-awtentiċità tiegħu.

(5) F'dan l-artikolu, "ġurament" tinkludi affermazzjoni jew stqarrija; u xejn f'dan l-artikolu m'għandu jinftiehem li jippreġudika dokument li jkun ammissibbli bħala prova taħt xi dispożizzjoni oħra tal-liġi.".

Sostituzzjoni tal-intestatura tat-Titolu I tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi.

**9.** Minnufih qabel l-artikolu 54A tal-Kodiċi, l-intestatura tat-Titolu I tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb għandha tiġi sostitwita bl-intestatura ġdida li ġejja: "FUQ IL-ĠENOĊIDJU, DELITTI KONTRA L-UMANITÀ, DELITTI TAL-GWERRA U DELITTI TA' AGGRESSJONI".

Emenda tal-artikolu 54A tal-Kodiċi.

**10.** L-artikolu 54A tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(1) Huwa delitt li persuna tikkommetti ġenoċidju, delitt kontra l-umanità, delitt tal-gwerra jew delitt ta' aggressjoni.";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, minnufih wara t-tifsira "delitt tal-gwerra" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "delitt ta' aggressjoni" tfisser delitt tal-gwerra kif imfisser fl-artikolu 54DA;"; u

(ċ) fis-subartikolu (4) tiegħu, minflok il-kliem "54Ċ u 54D" għandhom jidħlu l-kliem "54Ċ, 54D u 54DA".

Emenda tal-artikolu 54D tal-Kodiċi.

**11.** Minnufih wara s-subparagrafu (xii) tal-paragrafu (e) tal-artikolu 54D tal-Kodiċi, għandhom jiżdiedu s-subparagrafi ġodda li ġejjin:

"(xiii) l-użu ta' velenu jew armi bil-velenu;

(xiv) l-użu ta' gassijiet assfissjanti, velenużi jew gassijiet oħra, u l-likwidi, materjali jew apparati oħra simili;

(xv) l-użu ta' balal li jespandu jew jiċċattjaw faċilment fil-ġisem tal-bniedem, bħal ma huma balal b'għatu iebes li ma jgħattix kompletament il-qalba tal-balla jew huwa mtaqqab b'qatgħat;".

Żjieda ta' artikolu ġdid mal-Kodiċi.

**12.** Minnufih wara l-artikolu 54D tal-Kodiċi, għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Delitt ta' aggressjoni.

54DA. (1) Delitt ta' aggressjoni jfisser l-ippjanar, it-tħejjija, il-bidu jew it-twettiq, min-naħa ta' persuna li tkun pożizzjoni li effettivament teżerċita kontroll fuq, jew li tidderieġi l-azzjoni politika jew militari ta' Stat, ta' att ta' aggressjoni li, min-natura, gravità jew skala tiegħu, jikkostitwixxi ksur manifest tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, "att ta' aggressjoni" ifisser l-użu ta' forza armata min-naħa ta' Stat kontra s-sovranità, l-integrità territorjali jew l-indipendenza politika ta' Stat ieħor, jew li b'xi mod ieħor hu inkonsistenti mal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti.

(3) Kull wieħed mill-atti li ġejjin, irrispettivament jekk ikunx hemm dikjarazzjoni ta' gwerra, għandu, skont ir-Riżoluzzjoni 3314(XXIX) tal-Assemblea Ġenerali tan-NU tal-14 ta' Diċembru 1974, jikkwalifika bħala att ta' aggressjoni:

(a) l-invażjoni jew l-attakk mill-forzi armati ta' Stat fuq it-territorju ta' Stat ieħor, jew kull okkupazzjoni militari, ukoll jekk tkun temporanja, li tirriżulta minn dik l-invażjoni jew dak l-attakk, jew kull annessjoni, bl-użu tal-forza, tat-territorju ta' Stat ieħor jew parti minnu;

(b) il-bombardament min-naħa tal-forzi armati ta' Stat kontra t-territorju ta' Stat ieħor jew l-użu ta' kull arma min-naħa ta' Stat kontra t-territorju ta' Stat ieħor;

(ċ) l-ibblukkar tal-portijiet jew il-kosti ta' Stat min-naħa tal-forzi armati ta' Stat ieħor;

(d) attakk min-naħa tal-forzi armati ta' Stat fuq il-forzi tal-art, tal-baħar jew tal-ajru, jew il-flotot tal-baħar jew tal-ajru ta' Stat ieħor;

(e) l-użu tal-forzi armati ta' Stat, liema forzi armati jkunu jinsabu fit-territorju ta' Stat ieħor bi ftehim tal-Istat riċeventi, bi ksur tal-kondizzjonijiet previsti fil-ftehim, jew l-estensjoni tal-preżenza tagħhom fuq dak it-territorju lil hinn mit-temm tal-ftehim;

(f) l-azzjoni ta' Stat li jippermetti li t-territorju tiegħu, li jkun qiegħed għad-dispożizzjoni ta' Stat ieħor, jintuża minn dak l-Istat ieħor biex jitwettaq att ta' aggressjoni kontra Stat terz; u

(g) li jintbagħtu minn jew f'isem Stat għaqdiet jew gruppi ta' nies armati, forzi irregolari jew merċenarji, li jwettqu att ta' forza bl-armi kontra Stat ieħor, liema atti jkunu ta' dik il-gravità li jammontaw għall-atti fuq imsemmija, jew li jkunu jonvolvu att ta' aggressjoni fit-twettiq tagħhom.".

Emenda tal-artikolu 82A tal-Kodiċi.

**13.** L-artikolu 82A tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-kliem "vjolenza jew mibegħda", kull fejn jidhru fl-imsemmi artikolu 82A, għandhom jidħlu l-kliem "vjolenza jew mibegħda razzjali"; u

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "lingwa, oriġini etnika," għandhom jidħlu l-kliem "lingwa, oriġini nazzjonali jew etnika, ċittadinanza,".

Emenda tal-artikolu 82B tal-Kodiċi.

**14.** Fl-artikolu 82B tal-Kodiċi, minflok il-kliem "dixxendenza jew oriġni nazzjonali" għandhom jidħlu l-kliem "ċittadinanza, dixxendenza jew oriġni nazzjonali".

Emenda tal-artikolu 82Ċ tal-Kodiċi.

**15.** Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 82Ċ tal-Kodiċi, minflok il-kliem "lingwa, oriġini etnika" għandhom jidħlu l-kliem "lingwa, oriġni nazzjonali jew etnika, ċittadinanza,".

Emenda tal-artikolu 83 tal-Kodiċi.

**16.** Fl-artikolu 83 tal-Kodiċi, minnufih wara l-kliem "li twaqqaf, iżżomm" għandhom jiżdiedu l-kliem "waħedha jew ma' persuni oħra"; u minflok il-kliem "multa ta' mhux iżjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) jew il-piena ta' priġunerija għal mhux iżjed minn sitt xhur jew għal multa u l-priġunerija flimkien" għandhom jidħlu l-kliem "multa ta' mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5000) jew il-piena ta' priġunerija għal żmien minn disa' xhur sa ħames snin jew għal multa u priġunerija flimkien".

Emenda tal-artikolu 83A tal-Kodiċi.

**17.** L-artikolu 83A tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(1) Kull min -

(a) jippromwovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja għaqda bil-ħsieb li jitwettqu reati kriminali soġġetti għal-piena ta' priġunerija għal żmien erba' snin jew iktar; jew

(b) waqt li jkun jaf jew ikollu kawża

raġonevoli li jissuspetta dwar l-għan jew l-attività b'mod ġenerali tal-għaqda stabbilita għall-finijiet imsemmija fil-paragrafu (a), jipparteċipa b'mod attiv fl-attivitajiet kriminali tal-għaqda, inklużi iżda mhux limitati għall-għoti ta' informazzjoni jew ta' mezzi materjali jew ir-reklutaġġ ta' membri ġodda,

ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien minn erbgħa sa disa' snin.";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "jista' għal dak il-fatt biss jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn sena sa ħames snin" għandhom jidħlu l-kliem "jeħel għal dak il-fatt biss il-piena ta' priġunerija għal żmien minn sentejn sa seba' snin"; u

(ċ) fis-subartikolu (4) tiegħu, minflok il-kliem "taħt dan l-artikolu" għandhom jidħlu l-kliem "taħt dan it-titolu".

Emenda tas-subtitolu qabel l-artikolu 83B tal-Kodiċi.

**18.** Fis-subtitolu qabel l-artikolu 83B tal-Kodiċi minflok il-kliem "MOTIVATI BI KSENOFOBIJA" għandhom jidħlu l-kliem "MOTIVATI BI KSENOFOBIJA JEW OMOFOBIJA".

Emenda tal-artikolu 83B tal-Kodiċi.

**19.** Fl-artikolu 83B tal-Kodiċi, minflok il-kliem "lingwa, oriġini etnika" għandhom jidħlu l-kliem "lingwa, oriġni nazzjonali jew etnika, ċittadinanza,"; u minflok il-kliem "fis-subartikoli (3) sa (6), it-tnejn inklużi, tal-artikolu 222A." għandhom jidħlu l-kliem "fis-subartikoli (3) sa (6), it-tnejn inklużi, tal-artikolu 222A:", u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma għandhomx jgħoddu meta l-aggravju tal-piena fir-rigward tal-motivi msemmija f'dan l-artikolu jkun diġà previst f'dan il-Kodiċi jew f'xi liġi oħra.".

Żjieda ta' artikolu ġdid mal-Kodiċi.

**20.** Minnufih wara l-artikolu 83B tal-Kodiċi għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Reati mwettqa minn korp magħqud.

83Ċ Kull meta jiġi kommess reat għall-benefiċċju, jew kollu jew f'parti, ta' korp magħqud minn persuna li għandha s-setgħa li tirrappreżenta l-korp magħqud, l-awtorità li tieħu deċiżjoni f'isem il-korp magħqud, jew l-awtorità li teżerċita kontroll fuq il-korp magħqud, il-persuna ġuridika tista' tkun suġġetta għal:

(a) esklużjoni minn intitolament ta' benefiċċji pubbliċi jew għajnuna;

(b) l-iskwalifika temporanja jew permanenti milli tipprattika attivitajiet kummerċjali;

(ċ) tqegħid taħt superviżjoni ġudizzjarja;

(d) stralċ ġudizzjarju; jew

(e) l-għeluq temporanju jew permanenti tal-istabbilimenti:

Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma għandhomx japplikaw meta l-piena msemmija f'dan l-artikolu tkun diġà prevista f'dan il-Kodiċi jew f'xi liġi oħra.".

Żjieda ta' artikolu ġdid mal-Kodiċi.

**21.** Minnufih wara l-artikolu 135 tal-Kodiċi għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Promozzjoni ta' vjolenza jew mibegħda razzjali minn uffiċjali pubbliċi.

135A. Kull uffiċjal jew impjegat pubbliku li, f'konnessjoni mal-kariga, joħloq jew jassumi l-kariga ta' kap ta' grupp li jippromwovi vjolenza jew mibegħda razzjali fi ħdan it-tifsira tas-subartikoli (3) sa (6), it-tnejn inklużi, tal-artikolu 222A, għandu, meta l-att li ġie mwettaq ma tikkostitwix reat aktar serju, jeħel piena ta' priġunerija minn sena sa ħames snin.".

Emenda tal-artikolu 161 tal-Kodiċi.

**22.** Fl-artikolu 161 tal-Kodiċi, minflok il-kliem "li qegħdin għall-vantaġġ pubbliku jew għaż-żina pubblika u li jkunu ġew imwaqqfin mill-awtorità pubblika, jew bis-setgħa tagħha, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa sena jew multa ta' mhux iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37)" għandhom jidħlu l-kliem "li qegħdin għall-vantaġġ pubbliku jew għat-tisbiħ pubbliku u li jkunu ġew imwaqqfin mill-awtorità pubblika, jew bis-setgħa tagħha, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sitt xhur sa tmintax-il xahar jew ta' multa ta' mhux iżjed minn tliet elef u ħames mitt euro (€3,500)".

Emenda tal-artikolu 162 tal-Kodiċi.

**23.** Fl-artikolu 162 tal-Kodiċi, minflok il-kliem "jeħel il-piena ta' priġunerija minn xahar sa tmintax-il xahar jew multa ta' mhux iżjed minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69)" għandhom jidħlu l-kliem "jeħel il-piena ta' priġunerija minn disa xhur sa sentejn jew multa ta' mhux iżjed minn ħamest elef

euro (€5,000)".

**24.** L-artikolu 222A tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 222A tal-Kodiċi.

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "lingwa, oriġini etnika" għandhom jidħlu l-kliem "lingwa, nazzjonalità jew oriġini etnika, ċittadinanza,"; u

(b) fis-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "lingwa, oriġini etnika" għandhom jidħlu l-kliem "lingwa, nazzjonalità jew oriġini etnika, ċittadinanza,".

**25.** L-artikolu 250 tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 250 tal-Kodiċi.

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "ħames xhur sa tmintax-il xahar" għandhom jidħlu l-kliem "sena sa erba' snin";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "seba' xhur sa tliet snin" għandhom jidħlu l-kliem "tmintax-il xahar sa ħames snin".

**26.** Minnufih wara s-subartikolu (2) tal-artikolu 251 tal-Kodiċi għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej: Emenda tal-artikolu 251 tal-Kodiċi.

"(3) Kull min jikkawża lil ħaddieħor biża li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1), jeħel il-pieni preskritti fis-subartikolu (1) imnaqqsa b'grad wieħed jew tnejn:

Iżda meta l-ħati jkun laħaq il-mira tiegħu, hu jista' jeħel il-piena stabbilita fis-subartikolu (2) imnaqqsa b'grad wieħed jew tnejn.".

**27.** Is-subartikolu (4) tal-artikolu 251A tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 251A tal-Kodici.

(a) minflok il-kliem "xahar sa tliet xhur" għandhom jidħlu l-kliem "xahar sa sitt xhur"; u

(b) minflok il-kliem "elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) u mhux iżjed minn erbat elef u sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (4,658.75)" għandhom jidħlu l-kliem "elfejn u ħames mitt euro (2,500) u mhux iżjed minn ħamest elef euro (5,000)".

Żjieda ta' artikolu ġdid mal-Kodiċi.

**28.** Minnufih wara l-artikolu 251A tal-Kodiċi, għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Segwiment ta' persuna bil-moħbi.

251AA. (1) Persuna:".

(a) li ġġib ruħha b'mod li jkun bi ksur tal-artikolu 251A(1), u

(b) l-imġiba tagħha jammonta għal segwiment ta' persuna bil-moħbi,

tkun ħatja ta' reat taħt dan l-artikolu.

(2) Għall-finijiet tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu u l-artikolu 251BA(1)(a), persuna ġġib ruħha b'mod li l-imġiba tagħha tkun tammonta għal segwiment ta' persuna bil-moħbi jekk:

(a) tammonta għal fastidju ta' dik il-persuna,

(b) l-atti jew l-ommissjonijiet involuti huma azzjonijiet assoċjati ma' segwiment ta' persuna bil-moħbi, u

(ċ) dik il-persuna, li twettaq dik l-imġiba, taf jew imissha tkun taf li dik l-imġiba tammonta għal fastidju tal-persuna l-oħra.

(3) Dawn li ġejjin huma eżempji ta' atti jew ommissjonijiet li, f'ċirkostanzi partikolari, huma azzjonijiet assoċjati ma' segwiment ta' persuna bil-moħbi:

(a) li wieħed jimxi wara persuna,

(b) li wieħed jagħmel kuntatt, jew jittanta jagħmel kuntatt, ma' persuna bi kwalunkwe mezz,

(ċ) il-pubblikazzjoni, bi kwalunkwe mezz, ta' xi dikjarazzjoni jew materjal ieħor -

(i) li jirrigwarda jew li jagħti lil wieħed x'jifhem li jirrigwarda persuna, jew

(ii) li jagħti lil wieħed x'jifhem li joriġina minn persuna,

(d) il-monitoraġġ tal-użu ta' persuna tal-internet, tal-posta elettronika jew ta' kull forma oħra ta' komunikazzjoni elettronika,

(e) li wieħed jitlajja fi kwalunkwe post, kemm pubbliku jew privat,

(f) indħil f'xi proprjetà li tkun fil-pussess ta' persuna,

(g) li wieħed joqgħod għassa jew jispija fuq persuna.

(4) Persuna li tinsab ħatja ta' reat taħt dan l-artikolu teħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn sitt xhur sa tnax-il xahar jew multa ta' mhux iżjed minn għaxart elef euro (10,000), jew dik il-multa u priġunerija flimkien:

Iżda l-piena għandha tiżdied bi grad wieħed meta r-reat isir kontra xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1).".

**29.** Minnufih wara l-artikolu 251B tal-Kodiċi, għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej: Żjieda ta' artikolu ġdid mal-Kodiċi.

"Segwiment ta' persuna bil-moħbi li jinvolvi biża' li titwettaq vjolenza, li wieħed jallarma jew li jdejjaq lil ħaddieħor.

251BA. (1) Persuna li l-imġiba tagħha -

(a) tammonta għal segwiment ta' persuna bil-moħbi, u

(b) jew:

(i) tikkaġuna li persuna oħra tibża' f'għallinqas żewġ okkażjonijiet li ser tintuża vjolenza fuqha, jew

(ii) tikkaġuna fuq persuna oħra allarm jew dwejjaq li jkollu effett avvers sostanzjali fuq l-attivitajiet normali ta' kuljum ta' dik il-persuna,

tkun ħatja ta' reat taħt dan l-artikolu jekk tkun taf jew imissha tkun taf li l-imġiba tagħha ser tikkaġuna biża' fil-persuna f'kull waħda minn dawk l-okkażjonijiet jew, kif ikun il-każ, ser tikkaġuna dak l-allarm jew dwejjaq.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, il-persuna li l-imġiba tagħha tkun waħda dubjuża jmissha tkun taf li tkun ser tikkaġuna biża' f'ħaddieħor li ser tintuża vjolenza kontrih f'xi okkażjoni jekk persuna raġonevoli li jkollha l-istess informazzjoni kieku taħseb li dik l-imġiba tkun ser tikkaġuna biża' fil-persuna l-oħra f'dik l-okkażjoni.

(3) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, il-persuna li l-imġiba tagħha tkun waħda dubjuża jmissha tkun taf li tkun ser tikkaġuna allarm jew dwejjaq f'ħaddieħor li ser ikollu effett avvers sostanzjali fuq l-attivitajiet normali ta' kuljum ta' dik il-persuna jekk persuna raġonevoli li jkollha l-istess informazzjoni kieku taħseb li dik l-imġiba tkun ser tikkaġuna dak l-allarm jew dwejjaq.

(4) Persuna akkużata b'reat taħt dan l-artikolu tista' ġġib prova li l-imġiba tagħha kienet adottata fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-artikolu 251B(3)(a) jew (b).

(5) Persuna li tinsab ħatja ta' reat taħt dan l-artikolu teħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn disa' xhur sa ħames snin jew multa ta' mhux iżjed minn tletin elf euro (30,000), jew dik il-multa u priġunerija flimkien:

Iżda l-piena għandha tiżdied bi grad wieħed meta r-reat isir kontra xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1).

(6) Il-fatt li persuna mixlija b'reat taħt dan l-artikolu tiġi illiberata ma jeskludix li tinstab ħatja ta' reat kontra l-artikoli 251A jew 251AA.

(7) Dan l-artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 251B.".

Emenda tal-artikolu 251Ċ tal-Kodiċi.

**30.** Fl-artikolu 251Ċ tal-Kodiċi, minflok il-kliem "51A u 251B" għandhom jidħlu l-kliem "51A sa 251BA, it-tnejn inklużi.".

**31.** L-artikolu 251D tal-Kodiċi għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej: Sostituzzjoni tal-artikolu 251D tal-Kodiċi.

"Dispożizzjonijiet ġenerali.

251D. (1) Il-pieni stabbiliti fid-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan is-sub-titolu għandhom jiżdiedu minn grad sa żewġ gradi meta r-reat ikun aggravat jew motivat fuq bażi ta' ġeneru, identità tal-ġeneru, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, oriġini etnika jew nazzjonali, reliġjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni oħra fi ħdan it-tifsira mogħtija fis-subartikoli (3) sa (6), it-tnejn inklużi, tal-artikolu 222A.

(2) Il-pieni stabbiliti fl-artikoli 251A sa 251BA, it-tnejn inklużi, għandhom jiżdiedu bi grad wieħed meta r-reat isir b'xi wieħed mill-mezzi msemmijin fl-artikolu 337B(1).

(3) Meta persuna tiġi mixlija taħt l-artikoli 251 sa 251BA, it-tnejn inklużi, il-qorti tista' tagħmel ordni skont is-subartikolu (1) u l-paragrafi (a) sa (ċ), it-tnejn inklużi, tas-subartikolu (3) tal-artikolu 412Ċ.".

**32.** L-artikolu 298B tal-Kodiċi għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej: Sostituzzjoni tal-artikolu 298B tal-Kodiċi.

"Ksur tad-drittijiet tal-awtur.

298B. (1) Kull persuna li, fl-eżercizzju ta' xi kummerċ jew fil-kors tan-negozju jew bil-għan li tagħmel qligħ għaliha nnifsha jew għal xi persuna oħra, jew bil-ħsieb li tikkawża telf, jew tippreġudika, lil persuna oħra:

(a) tistampa, timmanifattura, tidduplika jew mod ieħor tirriproduċi jew tikkopja, jew tbiegħ, tqassam, jew mod ieħor toffri għall-bejgħ jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi ħaġa oħra bi ksur tad-drittijiet tal-awtur protetti bi jew taħt il-liġi ta' Malta, jew

(b) ikollha fil-pussess tagħha, kustodja jew kontroll ta' xi artikolu bħal dan jew ħaġa oħra bil-għan li twettaq wieħed mill-atti msemmija taħt il-paragrafu (a),

teħel, meta tinsab ħatja, priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet snin jew multa ta' mhux anqas minn tliet elef euro (€3,000) u mhux aktar minn erba' u għoxin elf euro (€24,000) jew dik il-multa u l-priġunerija flimkien.

(2) Proċedimenti taħt dan l-artikolu ma jistgħux jittieħdu ħlief bil-kwerela tal-parti offiża.".

Emenda tal-artikolu 308 tal-Kodiċi.

**33.** Fl-artikolu 308 tal-Kodiċi, minflok il-kliem "il-piena ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn" għandhom jidħlu l-kliem "il-piena ta' priġunerija minn sena sa seba' snin".

Emenda tal-artikolu 309 tal-Kodiċi.

**34.** Fl-artikolu 309 tal-Kodiċi, minflok il-kliem "il-piena tkun ta' priġunerija minn xahar sa sitt xhur" għandhom jidħlu l-kliem "il-piena tkun ta' priġunerija minn xahrejn sa sentejn".

Sostituzzjoni tal-artikolu 310 tal-Kodiċi.

**35.** L-artikolu 310 tal-Kodiċi għandu jiġi sostitwit bl-artikolu ġdid li ġej:

"310. (1) Fil-każijiet imsemmija f'dan is-sub-titolu -

(a) meta l-ammont tal-ħsara magħmula mill-ħati huwa aktar minn ħamest elef euro (€5000), il-piena tkun ta' priġunerija minn sentejn sa disa' snin;

(b) meta l-ammont ta' ħsara magħmula mill-ħati huwa aktar minn ħames mitt euro (€500) iżda mhux aktar minn ħamest elef euro (€5000), il-piena tkun ta' priġunerija minn sitt xhur sa erba' snin:

Iżda jekk il-piena stabbilita għar-reat relevanti fl-artikoli preċedenti ta' dan is-sub-titolu tkun ogħla mill-piena stabbilita f'dan il-paragrafu, għandha tapplika l-piena l-ewwel imsemmija miżjuda bi grad u fil-każ tar-reat taħt l-artikolu 294, il-piena hekk miżjuda ma tingħatax fil-minimu tagħha;

(ċ) meta l-ammont tal-ħsara magħmula mill-ħati ma jkunx aktar minn ħames mitt euro (€500), il-piena tkun ta' priġunerija għal żmien mhux aktar minn sitt xhur.

(2) Id-dispożizzjoni tas-subartikolu (1)(ċ) ma tgħoddx fil-każ ta' delitti msemmija fl-artikoli 296 u 298.".

Emenda tal-artikolu 310A tal-Kodiċi.

**36.** Fl-artikolu 310A tal-Kodiċi, minflok il-kliem "121Ċ,121D u 248E(4)" għandhom jidħlu l-kliem "121Ċ,121D, 248E(4) u 328K".

**37.** Minnufih wara l-artikolu 310B tal-Kodiċi, għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej: Żjieda ta' artikolu ġdid mal-Kodiċi.

"Pussess, għemil jew provvista, eċċ. ta' oġġetti għall-użu fi frodi.

310BA.(1) Kull jinstab fil-pussess ta' jew ikollu taħt il-kontroll tiegħu xi oġġett għall-użu fit-twettiq jew f'konnessjoni ma' xi frodi, ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinstab ħati, priġunerija għal żmien minn sitt xhur sa tliet snin u l-konfiska ta' dawk l-oġġetti.

(2) Kull minn jagħmel, jaddatta, jipprovdi jew joffri li jipprovdi xi oġġett -

(a) meta jkun jaf li dak l-oġġett huwa intiż jew adattat biex jintuża fit-twettiq ta' jew f'konnessjoni ma' frodi, jew

(b) bl-intenzjoni li jintuża biex titwettaq frodi jew jassisti fl-għemil ta' frodi,

ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinstab ħati, priġunerija għal żmien minn tnax-il xahar sa ħames snin u l-konfiska ta' dawk l-oġġetti.

(3) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu:

"oġġett" jinkludi kull dokument, programm jew *data* miżmuma b'mod elettroniku; u

"dokument" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha bl-artikolu 558(2).".

**38.** L-artikolu 316 tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 316 tal-Kodiċi.

(a) minflok il-kliem "bastiment, baċil" għandhom jidħlu l-kliem "bastiment, vettura, baċil";

(b) fil-paragrafu (a) tiegħu, minflok il-kliem "disa' snin sa tnax-il sena" għandhom jidħlu l-kliem sitt snin sa tnax-il sena"; u

(ċ) fil-paragrafu (b) tiegħu, minflok il-kliem "ħames snin sa disa' snin" għandhom jidħlu l-kliem "erba' snin sa disa' snin".

**39.** Fl-artikolu 317 tal-Kodiċi, minflok il-kliem "bini, għarix" għandhom jidħlu l-kliem "bini, vettura, għarix". Emenda tal-artikolu 317 tal-Kodiċi.

**40.** Fl-artikolu 318 tal-Kodiċi, minflok il-kliem "bini, għarix" għandhom jidħlu l-kliem "bini, vettura, għarix"; u minflok il-kliem "u Emenda tal-artikolu 318 tal-Kodiċi.

dan il-bini, għarix" għandhom jidħlu l-kliem "u dan il-bini, vettura, għarix".

Emenda tal-artikolu 325 tal-Kodiċi.

**41.** Is-subartikolu (1) tal-artikolu 325 tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (a) tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(a) jekk l-ammont tal-ħsara ikun iżjed minn elfejn u ħames mitt euro (2,500), il-piena ta' priġunerija minn tmintax-il xahar sa erba snin;";

(b) il-paragrafu (b) tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(b) jekk l-ammont tal-ħsara ma jkunx jiskorri elfejn u ħames mitt euro (2,500), iżda jkun iżjed minn mitejn u ħamsin euro (250), il-piena ta' priġunerija minn tmien xhur sa erbatax il-xahar;"; u

(ċ) il-paragrafu (ċ) tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(ċ) jekk l-ammont tal-ħsara ma jkunx jiskorri l-mitejn u ħamsin euro (250), il-piena ta' priġunerija għal perjodu li ma jaqbiżx is-sitt xhur;".

Emenda tal-artikolu 325A tal-Kodiċi.

**42.** Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 325A tal-Kodiċi, minflok il-kliem "lingwa, oriġini etnika" għandhom jidħlu l-kliem "lingwa, nazzjonalità, oriġini etnika, ċittadinanza,".

Emenda tal-artikolu 328 tal-Kodiċi.

**43.** L-artikolu 328 tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-proviso tiegħu, minflok il-kliem "bil-kwerela tal-parti offiża." għandhom jidħlu l-kliem "bil-kwerela tal-parti offiża:"; u

(b) minnufih wara l-proviso tiegħu għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll meta jittieħdu l-proċedimenti msemmija fil-paragrafu (d) fir-rigward ta' ħsara kaġunata fuq vettura bil-mutur, li tkun proprjetà pubblika, bil-kwerela tal-kap ta' dak id-dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat minn dik il-vettura, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 374(d) ma għandhomx japplikaw għal dawk il-proċedimenti wara li l-kwerelant ikun ikkonferma l-

kwerela tiegħu bil-ġurament quddiem il-qorti u l-assenza tal-kwerelant mill-qorti f'kull stadju tal-proċedimenti ma għandhiex titqies li tikkostitwixxi l-abbandun tal-proċedimenti jew l-irtirar tal-kwerela sakemm dik l-assenza sseħħ fi stadju sussegwenti għall-imsemmija konferma bil-ġurament tal-kwerela mill-kwerelant.".

**44.** Fis-subparagrafu (i) tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 328N tal-Kodiċi, minflok il-kliem "bejn sema u ilma" għandhom jidħlu l-kliem "f'ibħra miftuħa". Emenda tal-artikolu 328N tal-Kodiċi.

**45.** Fil-paragrafu (ċ) tal-artikolu 355AV tal-Kodiċi, minflok il-kliem "bil-kunsens tal-persuna arrestata:" għandhom jidħlu l-kliem "bil-kunsens tal-persuna arrestata u d-dispożizzjonijiet tal-proviso għall-artikolu 355BB għandhom, *mutatis mutandis*, japplikaw:". Emenda tal-artikolu 355AV tal-Kodiċi.

**46.** L-artikolu 355BA tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 355BA tal-Kodiċi.

(a) fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "marki tal-pali ta' l-idejn" għandhom jidħlu l-kliem "marki tal-pali tal-idejn, marki oħra jew kampjuni tal-kaligrafija"; u

(b) fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "marki tal-pala ta' l-id jew marki oħra tagħha", għandhom jidħlu l-kliem "marki tal-pala tal-id, marki oħra jew kampjuni tal-kaligrafija tagħha".

**47.** Il-proviso tal-artikolu 355BB tal-Kodiċi għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej: Emenda tal-artikolu 355BB tal-Kodiċi.

"Iżda fil-każ fejn persuna, li ma tkunx il-persuna arrestata, tirrifjuta li tagħti l-kunsens tagħha għat-teħid ta' kampjun, kemm jekk ikun kampjun intimu kif ukoll jekk ikun kampjun mhux intimu, tista' wkoll tinkiseb l-awtorizzazzjoni ta' Maġistrat wara li jsir rikors u, mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 355AZ, dik l-awtorizzazzjoni għandha tkopri wkoll it-teħid ta' dawk il-miżuri proporzjonati u neċessarji inkluż l-użu tal-forza mill-Pulizija Eżekuttiva biex jingħata effett għal dik l-awtorizzazzjoni.".

**48.** Minnufih wara l-artikolu 355BĊ tal-Kodiċi għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej: Żjieda ta' artikolu ġdid mal-Kodiċi.

"Użu ta' kampjuni.

355BD. Il-Kummissarju tal-Pulizija jista' jagħmel użu ta' kampjuni, li jkunu ttieħdu fi proċedimenti kriminali, għal proċedimenti kriminali oħra.".

Emenda tal-artikolu 360A tal-Kodiċi.

**49.** Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 360A tal-Kodiċi minflok il-kliem "jew minn impjegat jew uffiċjal ta' korp magħqud imwaqqaf b'liġi", għandhom jidħlu l-kliem "jew minn impjegat jew uffiċjal ta' korp magħqud imwaqqaf b'liġi jew minn rappreżentant ta' xi intrapriża, kif imfissra fl-artikolu 2 tal-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi".

Żjieda ta' artikolu ġdid mal-Kodiċi.

**50.** Minnufih wara l-artikolu 360A tal-Kodiċi għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Sentenzi mogħtija *in absentia.*

360B. (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw għal reati li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' Ġudikatura Kriminali taħt l-artikolu 370(1).

(2) Meta persuna, wara li tkun ġiet akkużata b'reat imsemmi fis-subartikolu (1) u wara li tkun ġiet ippreżentata b'taħrika, tonqos milli tidher personalment quddiem il-qorti, hija għandha titqies illi tkun tat il-kunsens tagħha sabiex titmexxa l-kawża fin-nuqqas tagħha u, il-qorti għandha tipproċedi bis-smigħ fin-nuqqas tal-persuna akkużata u għandha minn hemm 'il quddiem tipproċedi biex tagħti s-sentenza:

Iżda kull persuna akkużata kif imsemmi qabel tista', minflok tidher quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, tippreżenta fir-reġistru ta' dak il-qorti, rappreżentazzjonijiet bil-miktub u, jew dikjarazzjoni tal-fatti tal-kawża konfermati b'ġurament li jikkontestaw l-akkuża kontriha, u l-qorti għandha, qabel ma tiddeċiedi fuq il-kawża, tqies dawn ir-rappreżentazzjonijiet u, jew id-dikjarazzjoni daqslikieku saru *viva voce* quddiem l-imsemmija qorti.

(3) Sentenza mogħtija skont dan l-artikolu għandha tkun soġġetta għal appell.

(4) Meta ma jiġix ppreżentat appell, is-sentenza mogħtija skont dan l-artikolu għandha tiġi notifkata lill-akkużat personalment li, fi żmien sebat ijiem min-notifika, għandu jkollu d-dritt ulterjuri li jappella mis-sentenza u d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi li jirrigwardaw l-appelli għandhom, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, *mutatis mutandis*, japplikaw:

Iżda ma jkun hemm l-ebda dritt għal appell jekk jintwera li jeżistu xi waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) l-akkużat kif fiż-żmien dovut:

(i) ġie mħarrek personalment u b'hekk ġie informat bid-data skedata u l-post fejn ser tinstema l-kawża, li rriżultat fl-għotja tas-sentenza, u b'xi mezz ieħor fil-fatt irċieva informazzjoni uffiċjali tad-data skedata u l-post fejn ser tinstema dik l-kawża b'dak il-mod illi inekwivokament ġie stabbilit li kien jaf bil-kawża skedata; u

(ii) ġie informat li s-sentenza jista' jkun tingħata jekk ma jidhirx għall-kawża; u

(b) l-akkużat, li jkun jaf bil-kawża skedata, ta mandat lil avukat maħtur minnu sabiex jiddefendih fil-kawża tiegħu, u li l-imsemmi avukat tabilħaqq iddefenda lill-akkużat fil-kawża.

(5) It-taħrika maħruġa taħt dan l-artikolu għandu wkoll ikun fiha twissija li jekk il-persuna ma tidhirx, il-persuna mħarrka għandha titqies illi tat il-kunsens tagħha sabiex titmexxa l-kawża fin-nuqqas tagħha.

(6) Meta sentenza tiġi notifikata kif provdut taħt is-subartikolu (4) l-akkużat għandu wkoll jiġi informat bid-dritt ulterjuri tiegħu għall-appell skont l-imsemmi subartikolu.".

Sostituzzjoni tal-artikolu 392B tal-Kodiċi.

**51.** L-artikolu 392B tal-Kodiċi għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Ammissjoni ta' ħtija.

**392B.** (1) Fil-każ li l-akkużat, bi tweġiba għall-mistoqsija skont l-artikolu 392(1)(b) u fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri, jistqarr li hu ħati tar-reat li bih ġie akkużat u l-imsemmi reat ikun soġġett għal piena ta' aktar minn għaxar snin priġunerija, il-qorti għandha twissieh b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u tagħtih ftit taż-żmien biex jerġa' lura minnha. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) tal-artikolu 392A u minkejja kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra, jekk l-akkużat jibqa' jtenni fit-tweġiba tiegħu li hu ħati tar-reat li bih ikun akkużat, l-qorti għandha, wara li tkun ġiet registrata l-ammissjoni ta' ħtija:

(a) tordna li l-atti tal-kumpilazzjoni, flimkien mal-oġġetti li jkollhom x'jaqsmu mal-każ jiġu mibgħuta, fi żmien tliet ijiem ta' xogħol, lill-Avukat Ġenerali; u

(b) tinnotifika lir-Reġistratur tal-Qorti Kriminali li saret ammissjoni ta' ħtija.

(2) L-Avukat Ġenerali għandu ż-żmien ta' xahar biex jippreżenta nota fil-Qorti Kriminali li biha jiddikjara illi l-akkuża li tkun saret quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti istruttorja u li għaliha jkun ammetta l-akkużat għandha titqies bħala att ta' akkuża, b'dana illi din id-dikjarazzjoni ma għandha tagħti lok għal ebda nullità jew difett ieħor fil-proċeduri minkejja d-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra.

(3) Meta l-Qorti Kriminali tiġi notifikata mill-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti istruttorja dwar ammissjoni ta' ħtija skont il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1), il-Qorti Kriminali għandha fi żmien xahrejn mid-data tan-notifika tiffissa data għas-smigħ.

(4) Il-Qorti Kriminali għandha, *ex officio*, jew wara talba mill-Avukat Ġenerali jew mill-akkużat, tisma’ dawk il-provi li jidhrilha li huma rilevanti għall-fini ta’ piena, u, wara li tisma’ s-sottomissjonijiet dwar il-piena mill-Avukat Ġenerali u mill-akkużat, tgħaddi ’l quddiem biex tagħti lill-akkużat dik is-sentenza li għandha tingħata skont il-liġi kontra l-akkużat li jinsab ħati tar-reat.

(5) (a) L-akkużat u l-Avukat Ġenerali jistgħu jitolbu lill-Qorti Kriminali li tapplika sanzjoni jew miżura jew, meta jkun hekk provdut bil-liġi, kombinazzjoni ta’ sanzjonijiet jew miżuri, tax-xorta u l-kwantità miftiehma bejniethom u li dwarhom l-akkużat ikun jista’ jingħata sentenza.

(b) Jekk il-Qorti tkun sodisfatta li s-sanzjoni jew miżura, jew il-kombinazzjoni ta’ sanzjonijiet jew miżuri mitluba kif provdut fil-paragrafu (a) ikunu tali li kien ikun leġittimu illi hija timponi mas-sejbien ta’ ħtija għar-reat li dwaru l-akkużat ikun ammetta l-ħtija, il-Qorti għandha tgħaddi biex tagħti s-sentenza lilha indikata mill-partijiet fejn tiddikjara fid-deċiżjoni tagħha li s-sentenza li tkun qiegħda tingħata tkun qiegħda hekk tiġi mogħtija fuq talba tal-partijiet.

(ċ) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (3), (4) u (5) tal-artikolu 453A għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal dan is-subartikolu.

(6) Minkejja xi dispożizzjonijiet oħra ta’ dan il-Kodiċi jew ta’ kull liġi oħra, ammissjoni magħmula u reġistrata skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ma tkunx tista’ tigi revokata jew irtirata.

(7) Meta l-Qorti Kriminali jidhrilha li ma tkunx ġiet osservata xi formalità skont dan l-artikolu jew ikun hemm xi difett ieħor fil-proċeduri, il-Qorti Kriminali għandha tibgħat lura l-atti lill-Qorti tal-Magistrati bħala qorti istruttorja sabiex terġa’ tibda l-kumpilazzjoni mill-ġdid.".

Żjieda ta' artikolu ġdid mal-Kodiċi.

**52.** Minnufih wara l-artikolu 392B tal-Kodiċi għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Ħlas ta' spejjeż meta ssir ammissjoni ta' ħtija.

392Ċ. (1) Meta l-akkużat jistqarr li huwa ħati, kemm waqt l-eżami jew f'kull stadju tal-proċeduri, il-qorti għandha, qabel ma tipproċedi biex tagħti s-sentenza tagħha, taċċerta jekk atti dwar l-*in genere* jew *reperti* jkunu saru u jekk dawn ikunu saru, il-qorti għandha, meta tagħti s-sentenza jew f'kull ordni ieħor wara, tikkundanna l-ħati jew il-ħatjin, ilkoll flimkien *in solidum* jew kull wieħed għalih, għall-ħlas, lir-reġistratur, tal-ispejjeż kollha jew ta' parti mill-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, inklużi dawk tal-esperti li jkunu ġew maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta, f'dak iż-żmien u f'dak l-ammont bħal ma jkun ġie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni:

Iżda meta l-imsemmija spejjeż ikunu għandhom ma ġewx stabbiliti fiż-żmien li tkun ingħat is-sentenza jew fl-eventwalità li xi espert jew perit fil-proċeduri jkun għadu ma ppreżentax ir-rapport tiegħu jew il-proċess verbal ikun għandu ma ġiex magħluq, ir-Reġistartur għandu d-dritt li jistabbilixxi l-ispejjeż, u sabiex jipproċedi biex jiġbor l-ispejjeż lura, kollha jew parti minnhom, mill-persuna jew mill-persuni kkundannati, kif jiġi ordnat mill-qorti fis-sentenza tagħha:

Iżda wkoll il-Qorti għandha, qabel ma tgħaddi biex tagħti s-sentenza kif imsemmi qabel u biex tagħti ordni skont l-artikolu 23B, taċċerta jekk saritx ordni kif imsemmi fl-artikoli 23A u 23D, u jekk tkun saret, id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu għandhom, *mutatis mutandis,* japplikaw għal kull ordni bħal din.

(2) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 533 għandhom, *mutatis mutandis,* japplikaw għal kull ordni magħmula taħt dan l-artikolu.".

Emenda tal-artikolu 397 tal-Kodiċi.

**53.** Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 397 tal-Kodiċi, minflok il-kliem "esperimenti, u kull ħaġ'oħra", għandhom jidħlu l-kliem "esperimenti, it-teħid ta' xi kampjun u kull miżura jew ħaġa oħra".

**54.** L-artikolu 399 tal-Kodiċi għandu jiġi sostitwit bl-artikolu ġdid li ġej: Sostituzzjoni tal-artikolu 399 tal-Kodiċi.

"399. (1) Meta l-qorti tiddeċiedi li l-eżami ta' xi xhud jew li xi proċess ieħor fl-inkjesta minn xi awtorità barra minn Malta jkun meħtieġ b'mod indispensabbli, l-ittra rogatorja għal għajnuna legali u d-deċiżjoni tal-qorti għandhom, fi żmien tliet ijiem tax-xogħol, jiġu notifikati lill-Avukat Ġenerali li mbagħad jista', fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol, jagħmel kull sottomissjoni bil-miktub skont ma hu jkun jidhirlu meħtieġ.

(2) L-imputat jista', mhux aktar tard minn erbat ijiem tax-xogħol minn dik id-deċiżjoni, jissottometti talba addizzjonali għall-eżami ta' xhud jew ta' xi proċess ieħor tal-inkjesta, u jaħtar persuna oħra li tidher għalih fl-eżami jew fil-proċess. Dan iż-żmien jista', għal raġuni tajba, jiġi mġedded:

Iżda dak iż-żmien hekk imġedded ma jisax jeċċedi tletin ġurnata mid-data tad-deċiżjoni.

(3) Il-qorti għandha tordna t-trasmissjoni tat-talba għal għajnuna legali lill-awtorità barra minn Malta fi żmien tliet ijiem tax-xogħol minn meta jiskadi l-perjodu msemmi fis-subartikolu (2).

(4) Il-Qorti Kriminali tkun kompetenti li tordna t-trasmissjoni tat-talba għal għajnuna legali lill-awtorità barranija wara li jsir rikors mill-Avukat Ġenerali jew mill-imputat meta jiskadi l-perjodu ta' żmien imsemmi fis-subartikolu (3).

(5) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 622B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jipprovdu għall-irrekordjar ta' xhieda fuq tejp jew fuq video jew b'mezzi oħra għandhom japplikaw għal talba għall-eżami ta' xi xhud taħt dan l-artikolu.

(6) Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 618 u 619 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandhom japplikaw għall-finjiet ta' dan l-artikolu:

Iżda fejn ikun jeżisti xi trattat, konvenzjoni, patt jew ftehim, bejn Malta u pajjiż ieħor jew li jkun japplika għaż-żewġ pajjiżi jew li fih iż-żewġ pajjiżi jkunu parti, it-talba għandha ssir u tiġi trasmessa skont l-imsemmi trattat, konvenzjoni, patt jew ftehim.

(7) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, l-ittra rogatorja li

biha ssir it-talba għandu jkollha dan li ġej:

(a) l-għan ta' jew ir-raġuni għal dik it-talba;

(b) id-dettalji tal-persuna jew persuni msemmija fit-talba inkluż, fejn possibbli, l-indirizz, id-data tat-twelid u n-nazzjonalità;

(ċ) deskrizzjoni tar-reati li l-persuna qed tiġi akkużata bihom u l-piena li tista' teħel għal dak ir-reat;

(d) rapport fil-qasir tal-fatti li wasslu għat-talba; u

(e) kopja tal-leġiżlazzjoni rilevanti li tikkriminalizza l-imġiba attribwita lill-imputat u li tagħti informazzjoni dwar ir-reat, il-piena u d-drittijiet li persuna tista' tkun mogħtija.".

Emenda tal-artikolu 402 tal-Kodiċi.

**55.** Fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 402 tal-Kodiċi, minflok il-kliem "l-artikolu 399," għandhom jidħlu l-kliem "l-artikolu 399;" u minnufih wara għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(d) meta l-qorti taċċetta t-talba li tkun saret skont l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni.".

Emenda tal-artikolu 405 tal-Kodiċi.

**56.** Minnufih wara s-subartikolu (7) tal-artikolu 405 tal-Kodiċi, għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(8) Il-qorti għandha tmexxi sabiex tieħu kull azzjoni jew miżura oħra li għandha x'taqsam mal-kumpilazzjoni kif l-Avukat Ġenerali jista' jitlob bil-miktub.".

Emenda tal-artikolu 413 tal-Kodiċi.

**57.** Minnufih wara s-subparagrafu (vii) tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 413 tal-Kodiċi, għandu jiżdied is-subparagrafu ġdid li ġej:

"(viii) id-deċiżjoni tal-qorti inferjuri hija nulla minħabba nuqqas ta' formalità jew minħabba ħtiġiet ta' proċedura;".

Emenda tal-artikolu 435AA tal-Kodiċi.

**58.** Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 435AA tal-Kodiċi il-kliem "permezz ta' xi kont wieħed jew aktar tal-persuna suspettata." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "permezz ta' xi kont wieħed jew aktar tal-persuna suspettata, jew permezz ta' kont wieħed jew aktar li jkun hemm suspett li intużaw fit-twettiq tar-reat jew li jistgħu jipprovdu informazzjoni dwar ir-reat jew iċ-ċirkostanzi tiegħu, kemm qabel, matul jew wara t-twettiq tar-reat, inkluż xi kontijiet oħra f'isem il-persuni ġuridiċi.".

**59.** Fis-subartikolu (2) tal-artikolu 435BA tal-Kodiċi minnufih wara l-kliem "435AA" għandhom jidħlu l-kliem "permezz ta' xi kont wieħed jew aktar tal-persuna suspettata, jew permezz ta' kont wieħed jew aktar li jkun hemm suspett li intużaw fit-twettiq tar-reat jew li jistgħu jipprovdu informazzjoni dwar ir-reat jew iċ-ċirkostanzi tiegħu, kemm qabel, matul jew wara t-twettiq tar-reat, inkluż xi kontijiet oħra f'isem il-persuni ġuridiċi.". Emenda tal-artikolu 435BA tal-Kodiċi.

**60.** L-artikolu 522 tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 522 tal-Kodiċi.

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal mhux iżjed minn tliet xhur" għandhom jidħlu l-kliem "meta jinsab ħati, multa ta' mhux inqas minn elfejn u tliet mitt euro (€2,300) iżda mhux iżjed minn erbat elef u sitt mitt euro (€4,600) jew priġunerija għal mhux iżjed minn tliet xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien"; u

(b) fil-verżjoni bl-Ingliż tas-subartikolu (4) tiegħu, minflok il-kliem "but shall be liable to the punishment of a fine (*multa*)" għandhom jidħlu l-kliem "but shall be liable, on conviction, to the punishment of a fine (*multa*)".

**61.** L-artikolu 525 tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 525 tal-Kodiċi.

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "u tal-artikolu 397(5)" għandhom jidħlu l-kliem "tal-artikolu 397(5) u tal-artikolu 399"; u

(b) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(3) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 397, tas-subartikoli (2) sa (4), it-tnejn inklużi, tal-artikoli 467 u 623 għandhom, *mutatis mutandis,* igħoddu wkoll għall-Qorti tal-Maġistrati fil-każijiet ta' kompetenza tagħha bħala qorti ta' ġudikatura kriminali taħt xi dispożizzjoniet oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra.".

**62.** Minnufih wara l-artikolu 531 għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej: Żjieda ta' artikolu ġdid mal-Kodiċi.

"Notifika sussegwenti.

531A. Fi proċeduri quddiem qorti ta' ġustizzja kriminali, meta l-imputat jew l-akkużat, wara li jkunu ġew notifikati bid-data tal-ewwel smigħ skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi ikunu dehru għall-imsemmi smigħ, l-ebda notifika sussegwenti ta' xi data għandha bżonn tingħata lil każ li jkun stabbilit għas-smigħ kif intqal qabel jew li jkun diġà beda jinstema' jiġi diferit u għandha tkun ir-responsabbiltà tal-imputat jew l-akkużat li jivverifikaw dik id-data:

Iżda din id-dispożizzjoni għandha tapplika wkoll fejn l-imputat jew l-akkużat, minkejja ma jkunux ġew notifikati skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi, dehru għas-smigħ.".

Emenda tal-artikolu 542 tal-Kodiċi.

**63.** Fl-artikolu 542 tal-Kodiċi, minflok il-kliem "l-aħwa subien għall-aħwa bniet jew bil-maqlub," għandhom jidħlu l-kliem "wieħed jew waħda mit-tfal f'isem l-ieħor jew l-oħra,".

Emenda tal-artikolu 548 tal-Kodiċi.

**64.** L-artikolu 548 tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) l-artikolu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (1) tal-istess artikolu;

(b) fit-tielet proviso għas-subartikolu (1) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "l-fatti rilevanti." għandhom jidħlu l-kliem "l-fatti rilevanti, meta r-reat li għandu jiġi investigat hu wieħed li hu punibbli bi piena massima ta' priġunerija għal seba' snin jew aktar."; u

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) L-esperti maħtura fl-inkjesta sabiex jiġbru u jeżaminaw id-*data* dattiloskopika u l-kampjuni biex jiġi analizzat id-DNA uman għandhom jibagħtu lill-Pulizija Eżekuttiva kopji tad-*data* dattiloskopika u tal-profili tad-DNA flimkien ma' kull informazzjoni oħra li għandha x'taqsam mad-*data* dattiloskopika u mal-profil tad-DNA.

Għall-finijiet ta' dan l-artikolu:

"*data* dattiloskopika" tfisser immaġini ta' marki

tas-swaba', immaġini ta' *latents* ta' marki tas-swaba', marki tal-palma tal-id, *latents* ta' marki tal-palma tal-id, marki tal-palma tal-id ta' bniedem qed jikteb u *latents* ta' marki tal-palma tal-id ta' bniedem qed jikteb; u

"profil tad-DNA" tfisser kodiċi ta' ittra jew numru li jirrappreżenta grupp ta' karatteristiċi ta' identifikazzjoni tal-parti li ma tiġix kodifikata ta' kampjun ta' DNA uman analizzat, jiġifieri l-istruttura molekulari partikolari fil-varji postijiet tad-DNA (*loci*).".

**65.** L-artikolu 550 tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 550 tal-Kodiċi.

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu:

(i) minnufih wara l-kliem "persuni oħra li jkunu dehru fl-aċċess" għandhom jidħlu l-kliem "jew xehdu matul l-inkjesta Maġisterjali";

(ii) il-kliem "fl-inkjesta" għandhom jiġu mħassra; u

(iii) minnufih wara l-kliem "bħala qorti istruttorja" għandhom jidħlu l-kliem "matul il-kumpilazzjoni";

(b) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Madankollu matul iż-żmien għall-egħluq tal-kumpilazzjoni msemmi fl-artikolu 401(1) sal-mument li l-qorti tiddeċiedi jekk ikunx hemm jew ma jkunx hemm raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża kif imsemmi fl-artikolu 401(2), il-Pulizija tkun tista' ġġib, bil-permess speċjali tal-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti istruttorja, lil kull waħda mill-persuni msemmija fis-subartikolu (1) biex tagħti xiehda fil-kumpilazzjoni quddiem dik l-istess qorti fuq materji speċifiċi debitament imsemmija minn dik il-qorti fil-permess speċjali tagħha; b'dan li wara l-egħluq tal-kumpilazzjoni skont l-artikolu 402(1) u wara li l-qorti tiddeċiedi jekk ikunx hemm jew ma jkunx hemm raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża kif imsemmi fl-artikolu 401(2), l-Avukat Ġenerali jkun jista' jġib lil kull min irid minn dawk il-persuni skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 405 sabiex iwieġbu għal materji speċifiċi indikati mill-Avukat Ġenerali fit-talba bil-miktub tiegħu. Il-persuna mixlija tkun tista' wkoll iġġib lil

kull min trid minn dawk il-persuni bil-għan li jsirilha kontro-eżami.".

Emenda tal-artikolu 605 tal-Kodiċi.

**66.** Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 605 tal-Kodiċi, minflok il-kliem "Il-Kummissarju tal-Pulizija jew ir-rappreżentant tiegħu, Maġistrat, l-Avukat Ġenerali jew ir-rappreżentant tiegħu, il-President tal-Kamra tal-Avukati u l-President tal-Kamra tal-Prokuraturi Legali għandhom, darbtejn fis-sena, jagħmlu, mill-aħjar li jafu -" għandhom jidħlu l-kliem "Il-Kummissarju tal-Pulizija jew ir-rappreżentant tiegħu, il-Maġistrat Anzjan, l-Avukat Ġenerali jew ir-rappreżentant tiegħu, il-President tal-Kamra tal-Avukati u l-President tal-Kamra tal-Prokuraturi Legali għandhom, darbtejn fis-sena, jattendu għal-laqgħa hekk imsejħa mid-Direttur, Qrati u Tribunali Kriminali sabiex, jagħmlu, mill-aħjar li jafu -".

Żjieda ta' artikolu ġdid mal-Kodiċi.

**67.** Minnufih wara l-artikolu 647B tal-Kodiċi għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Koperazzjoni transkonfini, partikolarment fil-glieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfini.

647C. (1) Meta l-Avukat Ġenerali jirċievi talba magħmula minn awtorità ġudizzjarja, prosekutriċi jew amministrattiva ta' xi post barra minn Malta jew minn qorti internazzjonali -

(a) għat-teħid u l-forniment ta' *data* dattiloskopika; jew

(b) għat-teħid u l-eżami ta' kampjun mhux intimu; jew

(ċ) għall-profil tad-DNA ta' persuna suspettata f'dak il-post li tkun wettqet reat rilevanti jew ta' persuna akkużata, fi proċeduri quddiem il-qrati ta' dak il-post jew quddiem tribunal internazzjonali, li tkun wettqet reat rilevanti,

l-Avukat Ġenerali għandu jikkomunika t-talba lil Maġistrat li għandu, malli jirċievi t-talba, jordna l-arrest tal-persuna rikjesta u d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 355AV(ċ) għandhom, *mutatis mutandis*, jgħoddu fl-eżekuzzjoni tat-talba komunikata skont dan l-artikolu.

(2) Il-Maġistrat għandu jittrasmetti l-imsemmija *data*, kampjun jew profil, flimkien ma' kull rapport jew riżultat tal-eżami, lill-Avukat Ġenerali.

(3) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu l-frażijiet "profil tad-DNA" u "*data* dattiloskopika" għandu jkollhom it-tifsira kif rispettivament mogħtija lilhom fl-artikolu 548; "reat rilevanti" għandu jkollha t-tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 435D.

(4) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 649(2) u (5) għandhom, *mutatis mutandis*, jgħoddu għal talba magħmula skont dan l-artikolu.".

**68.** L-artikolu 673 tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda tal-artikolu 673 tal-Kodiċi.

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "r-rikors ma għandux jintlaqa' meta l-Avukat Ġenerali joġġezzjona għar-rikors." għandhom jidħlu l-kliem "r-rikors ma għandux jintlaqa' meta l-Avukat Ġenerali joġġezzjona għar-rikors:", u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda, meta l-Avukat Ġenerali joġġezzjona għar-rikors, il-qorti tista' timponi fuq l-imputat li l-ispejjeż għad-depożitu u l-manutenzjoni tal-oġġett, miżmum mir-Reġistratur, li jkollu x'jaqsam mal-proċeduri kriminali jew mad-delitt, ikunu fuq l-imputat."; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu, għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2A) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2), meta l-oġġett li jkollu x'jaqsam mal-proċeduri kriminali jew mad-delitt ikun miżmum mir-Reġistratur, is-sid ta' dak l-oġġett jista' jitlob lill-qorti biex jagħmel dawk ix-xogħlijiet ta' manutenzjoni fuq l-oġġett kif ikunu meħtieġa; jekk is-sid tal-oġġett ma jagħmilx it-talba msemmija f'dan is-subartikolu, jew, wara li jkun għamel it-talba, u wara li t-talba tkun intlaqgħat mill-qorti, ma jagħmilx dawk ix-xogħlijiet ta' manutenzjoni, ir-responsabbiltà għal kull telf jew ħsarat mġarrba minn dak l-oġġett taqa' fuq l-imsemmi sid.".

**69.** Fl-artikolu 676 tal-Kodiċi, minflok il-kliem "ta' dan il-Kodiċi" għandhom jidħlu l-kliem "ta' dan il-Kodiċi jew ta' liġi oħra".

Emenda tal-artikolu 676 tal-Kodiċi.

**70.** Fl-artikolu 679 tal-Kodiċi, minflok il-kliem "ta' dan il-Kodiċi" għandhom jidħlu l-kliem "ta' dan il-Kodiċi jew ta' liġi oħra".

Emenda tal-artikolu 679 tal-Kodiċi.

**71.** Minnufih wara l-artikolu 685 tal-Kodiċi għandu jiżdied l-

Żjieda ta' artikolu ġdid mal-Kodiċi.

artikolu ġdid li ġej:

"Tifsira ta' proprjetà.

685A. Għall-fini ta' dan it-Titolu "proprjetà" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 23B.".

Żjieda ta' artikolu ġdid mal-Kodiċi.

**72.** Minnufih wara l-artikolu 698 tal-Kodiċi għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Setgħat biex isiru regolamenti.

699. Minkejja d-dispożizzjonijiet oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' xi liġi oħra, il-Ministru jista' jagħmel regolamenti biex jirregola l-metodi tan-notifika tal-atti taħt dan il-Kodiċi.".

## TAQSIMA II
## Emendi għall-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili

Emenda tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Kap. 12.

**73.** Din it-Taqsima temenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "il-Kodiċi".

Emenda tal-artikolu 81 tal-Kodiċi.

**74.** Minflok il-paragrafu (ċ) tal-artikolu 81 tal-Kodici għandu jidħol dan li ġej:

"(ċ) għandha l-kwalifika ta' Dottorat fil-Liġi (LL.D) skont id-dispożizzjonijiet tal-Istatut, Regolamenti u Bye-Laws tal-Università ta' Malta jew kwalifika oħra fi grad ta' *masters* bħal din kif il-Ministru, wara konsultazzjoni mas-Senat tal-Università ta' Malta, jista' minn żmien għal żmien jippreskrivi, jew għandha grad komparabbli minn xi awtorità kompetenti skont il-prinċipji tar-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki, wara li tkun studjat il-liġi f'Malta jew f'xi Stat Membru;".

## TAQSIMA III
## Emendi għall-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha

Emenda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha. Kap. 31.

**75.** Din it-Taqsima temenda l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejħa "l-Ordinanza".

Żjieda ta' artikoli ġodda mal-Ordinanza.

**76.** Minnufih wara l-artikolu 40A tal-Ordinanza għandhom jiżdiedu l-artikoli ġodda li ġejjin:

"Reati li għandhom x'jaqsmu mal-pjanta Khat.

40B. (1) Kull persuna li -

(a) tikkoltiva il-pjanta Khat; jew

(b) timporta jew iddaħħal fi, jew tesporta minn, Malta l-pjant Khat; jew

(ċ) ikollha fil-pussess tagħha (ħlief waqt it-tranżitu f'Malta jew fl-ibħra territorjali tagħha) il-pjanta Khat fl-intier tagħha jew xi porzjon minnha; jew

(d) tbiegħ jew tittraffika il-pjanta Khat fl-intier tagħha jew xi porzjon minnha; jew

(e) tassoċja ruħha ma' xi persuna jew persuna oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex tbiegħ jew tittraffika l-pjanta Khat f'Malta kontra d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu jew li tippromovi, tikkostitwixxi, torganizza jew tiffinanzja l-assoċjazzjoni,

tkun ħatja ta' reat kontra din l-Ordinanza:

Iżda t-tifsira "jittraffika" f'dan l-artikolu għandu jkollha l-istess tifsira mogħti lilha bl-artikolu 120A(1B).

(2) Kull persuna akkużata b'reat kontra dan l-artikolu għandha titressaq jew quddiem il-Qorti Kriminali jew quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skont kif jordna l-Avukat Ġenerali, u jekk tinsab ħatja teħel, għal kull reat -

(a) meta tinsab ħatja mill-Qorti Kriminali priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tnax-il xahar iżda mhux iżjed minn għaxar snin u multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) iżda mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (23,293.73); jew

(b) meta tinsab ħatja mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tliet xhur iżda mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) iżda mhux iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew dik il-priġunerija u multa flimkien.

Setgħat tal-Ministru biex jemenda r-Raba' Skeda.

40Ċ. Il-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja jista', wara konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli għall-Pulizija u mal-Avukat Ġenerali, jemenda r-Raba' Skeda ma' din l-Ordinanza.".

Emenda tal-artikolu 120A tal-Ordinanza.

**77.** L-artikolu 120A tal-Ordinanza għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara s-subartikolu (2D) tiegħu għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2E) (a) sabiex tingħata direzzjoni skont is-subartikolu (2), l-Avukat Ġenerali għandu debitament jikkunsidra l-linji gwida inklużi fir-Raba' Skeda ta' din l-Ordinanza;

(b) meta l-Avukat Ġenerali jkun ordna li l-persuna akkużata tiġi ġġudikata fil-Qorti Kriminali skont is-subartikolu (2), meta tintemm l-inkjesta, f'każ li l-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja tiddeċiedi li hemm raġunijiet biżżejjed biex l-akkużat jitqiegħed taħt att ta' akkuża, l-akkużat jista' permezz ta' rikors ippreżentat quddiem il-Qorti Kriminali fi żmien sebat ijiem mit-tmiem tal-inkjesta, jitlob lill-imsemmija qorti sabiex tordna li jiġi ġġudikat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u l-Qorti Kriminali għandha, wara li tkun ordnat in-notifika tar-rikors lill-Avukat Ġenerali u tagħtih sebat ijiem biex iwieġeb lura u wara li tkun semgħet is-sottomissjonijiet orali mingħand l-akkużat u l-Avukat Ġenerali, jekk tqis li dan huwa neċessarju, tiddeċiedi quddiem liema qorti l-akkużat għandu jiġi ġġudikat u l-akkużat għandu jiġi ġġudikat skont id-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali:

Iżda rikors skont dan il-paragrafu jista' biss jiġi ippreżentat darba matul il-kors ta' kull proċedura:

Iżda wkoll persuni li, fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan is-subartikolu, ikunu qed jistennew kawża fil-Qorti

Kriminali wara ordni mogħtija skont is-subartikolu (2) jista', minkejja id-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan il-paragrafu, jippreżenta rikors quddiem l-imsemmija qorti skont dan il-paragrafu fi żmien xahar mill-imsemmija data.

(2F) Meta, wara li persuna tkun instabet ħatja mill-Qorti Kriminali kif previst fil-paragrafu (a) ta' subartikolu (2) wara li tkun ikkunsidrat iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ inkluż l-ammont u n-natura tad-droga involuta, il-karattru tal-persuna kkonċernata, in-numru u n-natura ta' kwalunkwe kundanni preċedenti, inkluż kundanni li għalihom saret ordni taħt l-Att dwar il-*Probation* u d-dispożizzjonijiet tar-Raba' Skeda, il-qorti hija tal-opinjoni li l-piena prevista fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) hija sproporzjonata tista', billi tagħti raġunijiet, tapplika l-piena prevista fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (2).".

**78.** Minnufih wara t-Tielet Skeda tal-Ordinanza għandha tiżdied l-Iskeda l-ġdida li ġejja: Żjieda ta' Skeda ġdida mal-Ordinanza.

**"IR-RABA SKEDA**
**(Artikolu 120A)**
**Linjigwida għall-użu ta' diskrezzjoni skont l-artikolu 120A**

*Dawn il-linjigwida japplikaw għall-persuni kollha akkużati tal-età ta' 16 u aktar*

Sabiex tiġi stabbilita l-qorti li fiha persuna akkużata b'reat kontra din l-Ordinanza għandha tiġi ġġudikata, il-ħsara jew il-ħsara potenzjali ikkawżata mir-reat li bih tkun ġiet akkużata għandha tkun il-konsiderazzjoni prinċipali.

Il-kwantità ta' droga hi konsiderazzjoni prinċipali fil-valutazzjoni tal-ħsara. Il-purità ma tkunx neċessarjament meqjusa fl-istadju inizjali iżda tista' tiġi kkunsidrata sabiex jiġi determinat jekk persuna li inizjalment ġiet riferita għall-kawża quddiem il-Qorti Kriminali għandha tiġi riferita għall-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fi stadju aktar tard.

Ir-rwol li l-akkużat kellu fir-reat għandu, jekk informazzjoni biżżejjed tkun disponibbli, wkoll jitqies.

F'dawn il-każijiet għandha issir distinzjoni bejn dawk il-persuni li kellhom rwol prinċipali, rwol sinjifikattiv jew rwol iżgħar fit-twettiq tar-reat.

*Ir-rwol prinċipali fit-twettiq tar-reat jista' jiġi indikat b'li ġej:*

- li l-akkużat organizza jew ordna x-xiri u l-bejgħ ta' droga fuq skala kummerċjali;
- li l-akkużat kellu konnessjonijiet sostanzjali għal u influwenza sinjifikanti fuq persuni oħra f'ċirku;
- li l-akkużat kellu konnessjonijiet mill-qrib għas-sors oriġinali tad-drogi;
- li l-akkużat għamel qligħ finanzjarju sostanzjali jew kellu aspettattiva ta' qligħ finanzjarju sostanzjali;
- li l-akkużat uża negozju leġittimu biex jaħbi x-xiri jew il-bejgħ tad-drogi;
- li l-akkużat abbuża mill-pożizzjoni tiegħu ta' fiduċja jew ta' responsabbiltà sinjifikanti fit-twettiq tar-reat, per eżempju meta l-akkużat ikun impjegat tal-ħabs jew professjonista legali jew mediku.

*Ir-rwol sinjifikanti fit-twettiq tar-reat jista' jiġi indikat b'li ġej:*

- li l-akkużat kellu funzjoni operattiva jew maniġerjali fiċ-ċirku;
- li l-akkużat involva oħrajn fl-operazzjoni kemm billi eżerċita pressjoni kif ukoll influwenzahom jew b'intimidazzjoni jew b'offerta ta' kumpens;
- li l-akkużat kien motivat bill-prospett ta' gwadann finanzjarju jew vantaġġ ieħor, irrispettivament jekk l-akkużat kienx qed jaġixxi waħdu jew ma' oħrajn;
- li l-akkużat deher li kien jaf u li fehem il-kobor tal-operazzjoni;
- li l-akkużat, li mhix persuna li qed tabbuża minn pożizzjoni ta' fiduċja jew responsabbilità, forniet id-droga lill-priġunier għall-gwadann iżda mingħajr theddid.

*Ir-rwol iżgħar fit-twettiq tar-reat jista' jiġi indikat b'li ġej:*

- li l-akkużat wettaq rwol limitat fit-twettiq tar-reat u aġixxa taħt id-direzzjoni ta' oħrajn;
- li l-akkużat ġie mqabbad minn oħrajn sabiex iwettaq ir-reat

permezz ta' pressjoni, theddid jew intimidazzjoni;

- li l-akkużat ġie involut fit-twettiq tar-reat minħabba l-inġenwità tiegħu jew minħabba li ġie sfruttat minn oħrajn;
- li l-akkużat ma kellux influwenza fuq dawk ta' fuqu fiċ-ċirku;
- li l-akkużat kellu ftit, jekk kien hemm, għarfien rigward il-kobor tal-operazzjoni;
- li meta jiġu meqjusa ċ-ċirkostanzi kollha jkun raġonevoli li jiġi konkluż illi l-akkużat kien involut fit-twettiq tar-reat sabiex jieħu d-droga biss, għall-użu personali tiegħu;
- li l-akkużat ma għamel l-ebda gwadann finanzjarju mir-reat, pereżempju f'każijiet li jinvolvu x-xiri komuni ta' kwantità minima mingħajr l-ebda qligħ jew sabiex titqassam kwantità minima bejn il-ħbieb fuq bażi mhux kummerċjali;Fatturi aggravanti li jirriżultaw mil-liġi għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni.

Fatturi aggravanti li jirriżultaw mil-liġi għandhom jiġu meqjusa.

*Fatturi aggravanti oħra li jistgħu jiġu meqjusa jistgħu jinkludu:*

- in-natura sofistikata sabiex tinħeba d-droga jew in-natura ta' kwalunkwe attentat biex jiġi evitat il-kxif;
- kull attentat sabiex tinħeba jew sabiex tintrema evidenza;
- l-esponiment ta' oħrajn għall-periklu eċċezzjonali bħal meta droga tinqata' b'sustanzi li jagħmlu ħsara;
- il-purità għolja tad-droga;
- li l-akkużat immira postijiet intiżi sabiex jalloka persuni vulnerabbli jew ipprova jissupplixxi d-droga lill-minorenni;
- li oħrajn, speċjalment tfal u dawk li ma jabbużawx bid-droga kienu preżenti meta l-akkużat ikkommetta r-reat.

*L-ammont li ġejjin involuti fir-reat, meta l-imsemmija ammonti huma magħrufa, jistgħu jittieħdu bħala indikazzjoni sabiex persuna ma tiġix riferita għall-kawża quddiem il-Qorti Kriminali:*

*ecstasy*: inqas minn 300 pillola;

LSD: inqas minn 300 kwadru

amfetamina: inqas minn 300 gramma

ketamina: inqas minn 150 gramma.

Kull għajnuna li l-akkużat ikun ta lill-Pulizija jew lill-prosekuzzjoni tista' wkoll tiġi meqjusa.".

**TAQSIMA IV**
**Emendi għall-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili**

Emenda tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili. Kap. 55.

**79.** Din it-Taqsima temenda l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda tal-artikolu 6 tal-Att prinċipali.

**80.** Minflok il-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 6 tal-Att prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:

"(ċ) għandha l-kwalifika ta' Dottorat fil-Liġi (LL.D) skont id-dispożizzjonijiet tal-Istatut, Regolamenti u Bye-laws tal-Università ta' Malta jew kwalifika oħra fi grad ta' *masters* bħal din kif il-Ministru, wara konsultazzjoni mas-Senat tal-Università ta' Malta, jista' minn żmien għal żmien jippreskrivi, jew għandha grad komparabbli minn xi awtorità kompetenti skont il-prinċipji tar-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki, wara li tkun studjat il-liġi f'Malta jew f'xi Stat Membru;".

**TAQSIMA V**
**Emendi għall-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku**

Emenda tal-Att dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku. Kap. 65.

**81.** Din it-Taqsima temenda l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejħa "l-Ordinanza".

Emenda tal-artikolu 56 tal-Ordinanza.

**82.** Fl-artikolu 56 tal-Ordinanza, minflok il-kliem "il-ħlas tal-multa, ammenda jew penali." għandhom jidħlu l-kliem "il-ħlas tal-multa, ammenda jew penali:", u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda dan l-artikolu m'għandux japplika fil-każ fejn it-tiġdid ta' liċenza, it-tibdil fl-isem tas-sid reġistrat jew it-trasferiment tal-liċenza tal-vettura fir-rigward ta' dik il-vettura jkun seħħ bħala riżultat li dik il-vettura tkun ġiet akkwistata permezz ta' bejgħ b'irkant, li jkun sar taħt l-awtorità tal-Qrati, mill-bejjiegħ oriġinali tal-vettura minħabba fil-fatt li ma jkunx tħallas il-prezz tax-xiri.".

## TAQSIMA VI
## Emendi għall-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta

**83.** Din it-Taqsima temenda l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda mal-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejħa "l-Ordinanza".

Emenda tal-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta. Kap. 77.

**84.** Is-subartikolu (2) tal-artikolu 4 tal-Ordinanza u l-Formula Ċ li hemm fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza għandhom jitħassru.

Tneħħija tal-Formula Ċ tal-Ordinanza.

**85.** Fil-paragrafu (d) tal-artikolu 5 tal-Ordinanza l-kliem "tal-Att dwar il-*Probation*." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "tal-Att dwar il-*Probation;*" u minnufih wara għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

Emenda tal-artikolu 5 tal-Ordinanza.

"(e) hija sejbien ta' ħtija ta' persuna mingħajr sejbien ta' ħtija preċedenti li fir-rigward tagħha, piena li tikkonsisti f'multa ta' mhux aktar mitejn euro ġiet imposta u imħallsa.".

**86.** Fl-artikolu 8 tal-Ordinanza l-kliem "meta tagħti s-sentenza, jew f'kull żmien wara," għandhom jiġu mħassra.

Emenda tal-artikolu 8 tal-Ordinanza.

## TAQSIMA VII
## Emenda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi

**87.** Din it-Taqsima temenda l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Ordinanza".

Emenda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi. Kap. 101.

**88.** L-artikolu 22 tal-Ordinanza għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda tal-artikolu 22 tal-Ordinanza.

(a) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu għandhom jiżdiedu s-subartikoli li ġejjin:

"(2A) (a) sabiex tingħata direzzjoni skont is-subartikolu (2), l-Avukat Ġenerali għandu debitament jikkunsidra l-linji gwida inklużi fir-Raba' Skeda ta' din l-Ordinanza;

(b) meta l-Avukat Ġenerali jkun ordna li l-persuna akkużata tiġi ġġudikata fil-Qorti Kriminali skont is-subartikolu (2), meta tintemm l-inkjesta, f'każ li l-Qorti tal-Maġistrati, bħala Qorti Istruttorja tiddeċiedi li hemm raġunijiet biżżejjed biex l-akkużat jitqiegħed taħt att ta' akkuża, l-akkużat jista' permezz ta' rikors ippreżentat quddiem il-Qorti Kriminali fi żmien sebat ijiem mit-tmiem tal-inkjesta, jitlob lill-imsemmija qorti sabiex tordna li huwa jiġi ġġudikat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u l-Qorti Kriminali għandha, wara li tkun ordnat in-notifika tar-rikors lill-Avukat Ġenerali u tagħtih sebat ijiem biex iwieġeb lura u wara li tkun semgħet is-sottomissjonijiet orali mingħand l-akkużat u l-Avukat Ġenerali, jekk tqis li dan huwa neċessarju, tiddeċiedi quddiem liema qorti l-akkużat għandu jiġi ġġudikat u l-akkużat għandu jiġi ġġudikat skont id-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali:

Iżda rikors skont dan il-paragrafu jista' biss jiġi ippreżentat darba matul il-kors ta' kull proċedura:

Iżda wkoll persuni li, fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan is-subartikolu, ikunu qed jistennew kawża fil-Qorti Kriminali wara ordni mogħtija skont is-subartikolu (2) jista', minkejja id-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan il-paragrafu, jippreżenta rikors quddiem l-imsemmija qorti skont dan il-paragrafu fi żmien xahar mill-imsemmija data.

(2B) Meta, wara li persuna tkun instabet ħatja mill-Qorti Kriminali kif previst fil-paragrafu (a) ta' subartikolu (2) wara li tkun ikkunsidrat iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ inkluż l-ammont u n-natura tad-droga involuta, il-karattru tal-persuna kkonċernata, in-numru u n-natura ta' kwalunkwe kundanni preċedenti, inkluż kundanni li għalihom saret ordni taħt l-Att dwar il-*Probation* u d-dispożizzjonijiet tar-Raba' Skeda, il-qorti hija tal-opinjoni li l-piena prevista fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) hija sproporzjonata tista', billi tagħti raġunijiet, tapplika l-piena prevista fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (2).".

Emenda tal-artikolu 22Ċ tal-Ordinanza.

**89.** L-artikolu 22Ċ tal-Ordinanza għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (8) tiegħu, minflok il-kliem "Kull sentenza li tirrevoka" għandhom jidħlu l-kliem "Bla ħsara għas-subartikolu (9), kull sentenza li tirrevoka";

(b) minnufih wara s-subartikolu (8) tiegħu għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(9) Meta tkun ittieħdet deċiżjoni li tirrevoka l-konfiska

ta’ xi proprjetà mobbli jew immobbli taħt dan l-artikolu, u sakemm il-persuna misjuba ħatja jew il-korp magħqud, jew il-persuna misjuba ħatja u l-korp magħqud solidalment, skont kif ikun il-każ, ma ġewx hekk ikkundannati, il-Qorti għandha tagħti sentenza lill-persuni msemmija, għall-ħlas ta’ multa li tkun tekwivali għall-ammont tar-rikavat mir-reat. Dik il-multa tkun tista’ tiġi rkuprata bħala dejn ċivili u s-sentenza tal-Qorti tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.".

**90.** Minnufih wara t-Tielet Skeda tal-Ordinanza għandha tiżdied l-Iskeda l-ġdida li ġejja: Żjieda ta’ Skeda ġdida mal-Ordinanza.

**"IR-RABA SKEDA**
**(Artikolu 22)**
**Linjigwida għall-użu ta’ diskrezzjoni**

*Dawn il-linjigwida japplikaw għall-persuni kollha akkużati tal-età ta’ 16 u aktar*

Sabiex tiġi stabbilita l-qorti li fiha persuna akkużata b’reat kontra din l-Ordinanza għandha tiġi ġġudikata, il-ħsara jew il-ħsara potenzjali ikkawżata mir-reat li bih tkun ġiet akkużata għandha tkun il-konsiderazzjoni prinċipali.

Il-kwantità ta’ droga hi konsiderazzjoni prinċipali fil-valutazzjoni tal-ħsara. Il-purità ma tkunx neċessarjament meqjusa fl-istadju inizjali iżda tista’ tiġi kkunsidrata sabiex jiġi determinat jekk persuna li inizjalment ġiet riferita għall-kawża quddiem il-Qorti Kriminali għandha tiġi riferita għall-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fi stadju aktar tard. I

Ir-rwol li l-akkużat kellu fir-reat għandu, jekk informazzjoni biżżejjed tkun disponibbli, wkoll jitqies.

F’dawn il-każijiet għandha issir distinzjoni bejn dawk il-persuni li kellhom rwol prinċipali, rwol sinjifikattiv jew rwol iżgħar fit-twettiq tar-reat.

*Ir-rwol prinċipali fit-twettiq tar-reat jista’ jiġi indikat b’li ġej:*

- li l-akkużat organizza jew ordna x-xiri u l-bejgħ ta’ droga fuq skala kummerċjali;
- li l-akkużat kellu konnessjonijiet sostanzjali għal u influwenza sinjifikanti fuq persuni oħra f’ċirku;

- li l-akkużat kellu konnessjonijiet mill-qrib għas-sors oriġinali tad-drogi;
- li l-akkużat għamel qligħ finanzjarju sostanzjali jew kellu aspettattiva ta' qligħ finanzjarju sostanzjali;
- li l-akkużat uża negozju leġittimu biex jaħbi x-xiri jew il-bejgħ tad-drogi;
- li l-akkużat abbuża mill-pożizzjoni tiegħu ta' fiduċja jew ta' responsabbiltà sinjifikanti fit-twettiq tar-reat, per eżempju meta l-akkużat ikun impjegat tal-ħabs jew professjonista legali jew mediku.

*Ir-rwol sinjifikanti fit-twettiq tar-reat jista' jiġi indikat b'li ġej:*

- li l-akkużat kellu funzjoni operattiva jew maniġerjali fiċ-ċirku;
- li l-akkużat involva oħrajn fl-operazzjoni kemm billi eżerċita pressjoni kif ukoll influwenzahom jew b'intimidazzjoni jew b'offerta ta' kumpens;
- li l-akkużat kien motivat bill-prospett ta' gwadann finanzjarju jew vantaġġ ieħor, irrispettivament jekk l-akkużat kienx qed jaġixxi waħdu jew ma' oħrajn;
- li l-akkużat deher li kien jaf u li fehem il-kobor tal-operazzjoni;
- li l-akkużat, li mhix persuna li qed tabbuża minn pożizzjoni ta' fiduċja jew responsabbilità, forniet id-droga lill-priġunier għall-gwadann iżda mingħajr theddid.

*Ir-rwol iżgħar fit-twettiq tar-reat jista' jiġi indikat b'li ġej:*

- li l-akkużat wettaq rwol limitat fit-twettiq tar-reat u aġixxa taħt id-direzzjoni ta' oħrajn;
- li l-akkużat ġie mqabbad minn oħrajn sabiex iwettaq ir-reat permezz ta' pressjoni, theddid jew intimidazzjoni;
- li l-akkużat ġie involut fit-twettiq tar-reat minħabba l-inġenwità tiegħu jew minħabba li ġie sfruttat minn oħrajn;
- li l-akkużat ma kellux influwenza fuq dawk ta' fuqu fiċ-ċirku;

- li l-akkużat kellu ftit, jekk kien hemm, għarfien rigward il-kobor tal-operazzjoni;

- li meta jiġu meqjusa ċ-ċirkostanzi kollha jkun raġonevoli li jiġi konkluż illi l-akkużat kien involut fit-twettiq tar-reat sabiex jieħu d-droga biss, għall-użu personali tiegħu;

- li l-akkużat ma għamel l-ebda gwadann finanzjarju mir-reat, per eżempju f'każijiet li jinvolvu x-xiri komuni ta' kwantità minima mingħajr l-ebda qligħ jew sabiex titqassam kwantità minima bejn il-ħbieb fuq bażi mhux kummerċjali;Fatturi aggravanti li jirriżultaw mil-liġi għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni.

Fatturi aggravanti li jirriżultaw mil-liġi għandhom jiġu meqjusa.

*Fatturi aggravanti oħra li jistgħu jiġu meqjusa jistgħu jinkludu:*

- in-natura sofistikata sabiex tinħeba d-droga jew in-natura ta' kwalunkwe attentat biex jiġi evitat il-kxif;

- kull attentat sabiex tinħeba jew sabiex tintrema evidenza;

- l-esponiment ta' oħrajn għall-periklu eċċezzjonali bħal meta droga tinqata' b'sustanzi li jagħmlu ħsara;

- il-purità għolja tad-droga;

- li l-akkużat immira postijiet intiżi sabiex jalloka persuni vulnerabbli jew ipprova jissupplixxi d-droga lill-minorenni;

- li oħrajn, speċjalment tfal u dawk li ma jabbużawx bid-droga kienu preżenti meta l-akkużat ikkommetta r-reat.

*L-ammont li ġejjin involuti fir-reat, meta l-imsemmija ammonti huma magħrufa, jistgħu jittieħdu bħala indikazzjoni sabiex persuna ma tiġix riferita għall-kawża quddiem il-Qorti Kriminali:*

herojina u kokajina: anqas minn 100 gramma

*cannabis* (qanneb indjan): anqas minn 100 gramma

Kull għajnuna li l-akkużat ikun ta lill-Pulizija jew lill-prosekuzzjoni tista' wkoll tiġi meqjusa .".

**91.** L-artikolu 34 tal-Ordinanza għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (1) tiegħu u fis-subartikolu (1) kif enumerat mill-ġdid il-kliem "kull waħda mill-Iskedi li jinsabu ma' din l-Ordinanza." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-Ewwel, it-Tieni u

Emenda tal-artikolu 34 tal-Ordinanza.

t-Tielet Skeda ma' din l-Ordinanza." u minnufih wara għandu jiżdied is-subartikolu li ġej:

"(2) Il-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja jista', wara konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli għall-Pulizija u mal-Avukat Ġenerali, jemenda r-Raba' Skeda ma' din l-Ordinanza.".

## TAQSIMA VIII
## Emenda tal-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta

Emenda tal-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta. Kap. 204.

**92.** Din it-Taqsima temenda l-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att".

Emenda tal-artikolu 52 tal-Att.

**93.** Fl-artikolu 52 tal-Att il-kliem "dwar l-euro" għandhom jiġu mħassra.

Emenda tal-artikolu 53 tal-Att.

**94.** Fl-artikolu 53 tal-Att il-kliem "u fil-każ meta r-reati jkunu dwar l-euro," għandhom jiġu mħassra.

## TAQSIMA IX
## Emenda tal-Att dwar l-Estradizzjoni

Emenda tal-Att dwar l-Estradizzjoni. Kap. 276.

**95.** Din it-Taqsima temenda l-Att dwar l-Estradizzjoni u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar l-Estradizzjoni, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att".

Emenda tal-artikolu 2 tal-Att.

**96.** Minnufih wara t-tifsira "pajjiż tal-Commonwealth speċifikat" fl-artikolu 2 tal-Att, għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "persuna akkużata" tinkludi persuna, li dwarha jinħareġ mandat, li tkun mfittxija f'pajjiż barrani speċifikat għall-finijiet tat-tmexxija ta' prosekuzzjoni kriminali għall-għemil ta' reat imsemmi fil-mandat.".

## TAQSIMA X
## Emenda tal-Att kontra *Money Laundering*

Emenda tal-Att Att kontra *Money Laundering*. Kap. 373.

**97.** Din it-Taqsima temenda l-Att kontra *Money Laundering* u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att kontra *Money Laundering*, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att".

Emenda tal-artikolu 3 tal-Att.

**98.** Fis-subparagrafu (ii) tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (2A) tal-artikolu 3 tal-Att il-kliem "jew dik il-multa u priġunerija

flimkien." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "jew dik il-multa u priġunerija flimkien:" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso għall-paragrafu (a) li ġej:

"Iżda:

(i) sabiex tingħata direzzjoni skont dan is-subartikolu, l-Avukat Ġenerali għandu debitament jikkunsidra l-età tal-ħati, il-kondotta preċedenti tal-ħati, il-valur tal-proprjetà li ġiet *laundered* u ċ-ċirkostanzi l-oħra kollha tar-reat;

(ii) meta l-Avukat Ġenerali jkun ordna li l-persuna akkużata tiġi ġġudikata fil-Qorti Kriminali skont dan is-subartikolu, meta tintemm l-inkjesta, f'każ li l-Qorti tal-Maġistrati, bħala Qorti Istruttorja tiddeċiedi li hemm raġunijiet biżżejjed biex l-akkużat jitqiegħed taħt att ta' akkuża, l-akkużat jista' permezz ta' rikors ippreżentat quddiem il-Qorti Kriminali fi żmien sebat ijiem mit-tmiem tal-inkjesta, jitlob lill-imsemmija qorti sabiex tordna li huwa jiġi ġġudikat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u l-Qorti Kriminali għandha, wara li tkun ordnat in-notifika tar-rikors lill-Avukat Ġenerali u tagħtih sebat ijiem biex iwieġeb lura u wara li tkun semgħet is-sottomissjonijiet orali mingħand l-akkużat u l-Avukat Ġenerali, jekk tqis li dan huwa neċessarju, tiddeċiedi quddiem liema qorti l-akkużat għandu jiġi ġġudikat u l-akkużat għandu jiġi ġġudikat skont id-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali:

Iżda rikors skont dan is-subparagrafu jista' biss jiġi ippreżentat darba matul il-kors ta' kull proċedura:

Iżda wkoll persuni li, fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan is-subparagrafu ikunu qed jistennew kawża fil-Qorti Kriminali wara ordni mogħtija skont dan is-subartikolu jista', minkejja id-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan is-subparagrafu, jippreżenta rikors quddiem l-imsemmija qorti skont dan is-subparagrafu fi żmien xahar mill-imsemmija data;

(iii) meta jinstab ħati l-akkużat jeħel il-piena prevista skont is-subparagrafu (a)(i) ta' dan is-subartikolu u l-qorti kompetenti sabiex tagħti s-sentenza lill-akkużat hija tal-opinjoni li meta tqis l-età tal-ħati, il-kondotta preċedenti tiegħu, il-valur tal-proprjetà *laundered* u ċ-ċirkostanzi kollha l-oħra tar-reat, il-piena prevista fil-paragrafu (a)(i) ta' dan is-subartikolu ma tkunx xierqa, tista', billi tagħti raġunijiet, tapplika l-piena prevista fis-subparagrafu (ii) ta' dan is-subartikolu.".

Emenda tal-artikolu 7 tal-Att.

**99.** L-artikolu 7 tal-Att għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (8) tiegħu, minflok il-kliem "Kull deċiżjoni li tirrevoka" għandhom jidħlu l-kliem "Bla ħsara għas-subartikolu (9), kull deċiżjoni li tirrevoka";

(b) minnufih wara s-subartikolu (8) tiegħu għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(9) Meta tkun ittieħdet deċiżjoni li tirrevoka l-konfiska ta' xi proprjetà mobbli jew immobbli taħt dan l-artikolu, u sakemm il-persuna misjuba ħatja jew il-korp magħqud, jew il-persuna misjuba ħatja u l-korp magħqud solidalment, skont kif ikun il-każ, ma ġewx hekk ikkundannati, il-Qorti għandha tagħti sentenza lill-persuni msemmija, għall-ħlas ta' multa li tkun tekwivali għall-ammont tar-rikavat mir-reat. Dik il-multa tkun tista' tiġi rkuprata bħala dejn ċivili u s-sentenza tal-Qorti tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.".

## TAQSIMA XI
## Emenda tal-Att dwar Lotteriji u Logħob Ieħor

Emenda tal-Att dwar Lotteriji u Logħob Ieħor. Kap. 438.

**100.** Din it-Taqsima temenda l-Att dwar Lotteriji u Logħob Ieħor u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar Lotteriji u Logħob Ieħor, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att".

Emenda tal-artikolu 67 tal-Att.

**101.** Fit-tielet proviso tas-subartikolu (1) tal-artikolu 67 tal-Att il-kliem "mhux iżjed minn sebat elef euro (€7,000.00)." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "mhux iżjed minn sebat elef euro (€7,000.00):" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll meta l-qorti, wara li tkun ikkundannat lill-akkużat, hija tal-opinjoni li meta tqies l-età tal-ħati, l-imġieba preċedenti tiegħu, l-effetti tar-reat, il-mezzi li bihom wettaq ir-reat u ċ-ċirkostanzi oħra kollha tar-reat, il-piena prevista fis-subartikolu (1) u fl-ewwel proviso tiegħu mhijiex xierqa, tista', minkejja d-dispożizzjonijiet l-oħra tat-tielet proviso ta' dan is-subartikolu, tapplika l-pieni stabbiliti fit-tielet proviso msemmi.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 181 tat-18 ta' Lulju, 2014.

ANĠLU FARRUGIA
*Speaker*

RAYMOND SCICLUNA
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*